**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 19 ta' Gunju 2024**

Rikors Numru: 210/24 AL

A B

vs

C (C D) B

(M.R. Numru 2197/1987)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Dicembru 1987, anness u minn dan iz- zwieg twieldu tlett itfal bl-ismijiet E B, F B u G B li twieldu fis-sena 1991, 1989 u 1992 rispettivament li huma ilkoll maggorenni.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Edward Flores nhar s-27 ta' Novembru 1997 u dan skont digriet mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li jgib in-numru 2448/1997 (ara DOK B anness).
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra ilhom ghal aktar minn hamsa u ghoxrin sena separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.
4. Illi skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara DOK C), ma' kien hemm ebda obbliga ghal xi hlas ta' mantiment li jircievu manteniment minn ghand xulxin.
5. Illi l-istess ulied u cioe' E, F u G illum huma maggorenni u ma jattendux edukazjoni full-time u ghandhom hajja independenti minn xulxin.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha umilment jissottometti li huwa ma jopponix ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur u cioe` li jigi ppronunzjat il-ħall taż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet u li tali ħall taż-żwieġ jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan skont dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta’ Mejju 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Novembru 1997;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.